



18.1.2010

0004/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħtieġa li kull Stat Membru jkun jista' jżomm ir-regoli proprji tiegħu
rigward l-integrazzjoni

Morten Messerschmidt, Timo Soini

Data ta' skadenza: 22.4.2010

0004/2010

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ħtieġa li kull Stat Membru jkun jista' jżomm ir-regoli proprji tiegħu rigward l-integrazzjoni

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kawża C-127/08 (Blaise Baheten Metock *et v* Minister for Justice, Equality and Law Reform) tiegħu bħala l-bażi tagħha d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u joqogħdu liberament fit-territorju tal-Istati Membri,
- B. billi s-sentenza fil-Kawża C-127/08 liċ-ċittadini ta' pajjiżi li mhumiex membri li jkunu qed jingħaqdu mal-familji tagħhom fil-Komunità tagħtihom id-dritt li jkunu residenti legalment bla ma jkunu soġġetti għar-regoli tal-pajjiż ospitanti dwar l-integrazzjoni, ir-rewiżiti tat-tagħlim tal-lingwa, in-nisġa soċjali ġenerali, eċċ.,
 1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta stampa, għal kull pajjiż, tal-politiki ta' integrazzjoni li ġeneralment japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, imma mhux għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jutilizzaw il-leġiżlazzjoni tal-UE biex jerġgħu jingħaqdu ma' żewġiethom ? (żwieġhom/mal-konjuġi tagħhom) li jkunu ċittadini tal-UE;
 2. Jiddikjara li ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jixtiequ jgawdu mill-preċedent stabbilit bis-sentenza fil-Kawża C-127/08 u b'hekk isiru residenti fil-Komunità bħala membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE għandhom ikunu koperti bir-regoli tal-Istati Membri individwali dwar l-integrazzjoni, b'tali mod li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżguraw integrazzjoni reali;
 3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw il-politiki proprji tagħhom dwar l-integrazzjoni;
 4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jirrispettaw id-dritt ta' kull Stat Membru li jieħu deċiżjonijiet liberi u sovrani rigward ir-regoli dwar l-integrazzjoni;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri.